**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU TMINJA U GĦOXRIN**

**28 ta' Settembru, 2016**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, il-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato u Kevin Sam Farrugia.

**SKUŻAT**

Il-membru Marylin Sammut avżat li ma setgħetx tattendi minħabba xogħol.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresieda l-laqgħa.

**28.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

28.1.1 Ġew approvati l-minuti tas-sebgħa u għoxrin seduta ta' din il-leġislatura.

28.1.1 Il-membru Joseph D'Amato qal li jeħtieġ li l-Kumitat Amministrattiv jkompli jinsisti mal-perit tal-proġett ta' Triq Fra Gan Marie Zammit biex isir ir-railing madwar l-art fejn ser ikun installat l-playing equipment.

28.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fir-rigward ta' punt 27.2.2 ma nstabux Kunsilli Lokali tal-viċinanzi li lesti li jaqsmu s-servizz ta' Eco Wardens mal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.
Kien hemm qbil li minħabba l-sipiża u minħabba li m'hemmx bżonn ta' servizz għal 4 siegħat, dan is-servizz ma jintalabx.

*28.2* *Attivita' l-Artiġjanat fiż-Żurrieq*

28.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia fakkar li l-attivita' Artiġjanat fiż-Żurrieq li ser issir f'Misraħ Santa Marija ser issir fid-29 ta' Ottubru, bl-għajnuna tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria. Il-press Conference ser issir l-Erbgħa 26 ta' Ottubru f'nofisnhar.
L-ispejjeż tal-Kumitat Amministrattiv fl-attivita' ser ikunu :
permess għal dawl temporanju, tindif, bins, wardens, mobile toilets u printjar ta' posters. Kien hemm qbil fuq dan.

*28.3* *Suġġerimenti u ilmenti*

28.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa biex l-magna li tissuplixxi dawl għal vetturi li jaħdmu bid-dawl, tkun installata viċin il-proġett ta' Triq Fra Gan Marie Zammit.

Kien hemm qbil fuq dan.

28.3.2 Iċ-Chairperson qal li hemm bżonn li r-reċipjent tal-iskart li sar f'Misraħ Santa Marija jitpoġġa viċin in-notice board u jekk jindara għandu jitwaħħal biex ma jiċċaqlaqx.
Kien hemm qbil fuq dan.

28.3.3 Kien hemm qbil li minħabba li inqata' l-ħaxix minn Triq Ħal Far u ilu ġimgħat biex jinġabar, jekk il-kuntrattur tal-bulky refuse mhux ser jiġbru fil-viċin, għandu jingħata s-servizz lill-kuntrattur ieħor bi ħlas.

28.3.4 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob l-għajnuna tal-Koptasin isolvu l-problema tal-parkeġġ fi Triq Fra Luka Zurki. Kien hemm qbil li meta jitilgħu l-ħaddiema fiż-Żurrieq, jittieħdu fit-triq imsemmija.

28.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara email li intbagħtet lill-membri kien hemm qbil li Triq Dun Nard Mallia jsirulha il-linji tal-parkeġġ.

28.3.6 Il-membru Kevin Sam Farrugia staqsa meta ser jinxtelu t-tliet lampi li ġew installati f'Diċembru 2015, fi Triq Ħal Far. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Enemalta ser tagħmel trinka biex isir l-installazzjoni tal-elettriku.

28.3.7 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri nfurmat li r-residenti ta' madwar Triq il-Qiegħa xorta waħda baqgħu jpoġġu l-iskart tagħhom madwar l-art vojta fi Triq il-Qiegħa. Hi qalet li tali skart jinġabar kollu mill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart.

28.3.8 Il-membru Joseph D'Amato ħeġġeġ lill-membri biex jattendu għall-attivita li l-Kunsill ser jorganizza fil-15 ta' Ottubru f'Misraħ Repubblika.

***28.4 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

28.4.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:00 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru, 2016 fil-17:30.

Konfermati, illum ___ ta' Ottubru, 2016

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**